ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/33

(2022/C 304/07)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TA' EMENDA STANDARD LI TEMENDA D-DOKUMENT UNIKU

"Verdicchio di Matelica"

PDO-IT-A0481-AM03

Data tal-komunikazzjoni: 27.5.2022

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Imballaġġ — kontenituri u kapaċità**

Deskrizzjoni: għall-inbid Verdicchio di Matelica mingħajr ebda speċifikazzjoni addizzjonali, jistgħu jintużaw ukoll kontenituri alternattivi għall-ħġieġ, li jikkonsistu f'borża magħmula minn materjal tal-plastik tal-polietilen u tal-poliester b'diversi saffi magħluqa f'kaxxa tal-kartun jew ta' materjal riġidu ieħor li ma għandux ikun inqas mill-kapaċità minima stabbilita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE. Barra minn hekk, l-inbid tat-tip "Passito" għandu jiġi kkummerċjalizzat biss fi fliexken tal-ħġieġ b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1,50 litru.

Raġunijiet: din hija l-opportunità ulterjuri biex jiġi ppakkjat l-inbid Verdicchio di Matelica f'kontenituri alternattivi għall-ħġieġ mixtieq mill-produtturi wara valutazzjonijiet tekniċi u kummerċjali bir-reqqa, kif ukoll indikazzjoni tal-kapaċità minima tal-fliexken għall-inbejjed tat-tip "passiti".

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-taqsima 9 tad-Dokument Uniku.

2. **Sena tal-produzzjoni tal-għeneb**

Deskrizzjoni: għall-inbejjed Verdicchio di Matelica, bl-eċċezzjoni tal-inbejjed frizzanti mhux ittikkettati bħala millesimati, jeżisti l-obbligu li s-sena tal-produzzjoni tal-għeneb tiġi indikata.

Raġunijiet: din hija indikazzjoni aħjar tat-tikkettar tal-prodotti koperti mid-denominazzjoni.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-taqsima 9 tad-Dokument Uniku.

3. **Referenzi għall-korp ta' spezzjoni - bidla fl-indirizz**

Deskrizzjoni: L-indirizz ta' Valoritalia, kumpanija għaċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità u l-produzzjoni tal-inbejjed ġie emendat minn Via Piave n. 24, għal Via Venti Settembre n. 98/G – 00187 Roma..

Raġunijiet: dan jikkonċerna t-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat tal-korp ta' kontroll għad-denominazzjoni Verdicchio di Matelica.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ma tikkonċernax id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

"Verdicchio di Matelica"

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

5. Inbid frizzanti ta' kwalità

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. *"Verdicchio di Matelica"*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

L-inbejjed tad-DOP Verdicchio di Matelica għandhom kulur isfar lewn it-tiben ċar, aroma distintiva u delikata u togħma xotta armonjuża b'togħma morra.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

2. *Verdicchio di Matelica passito*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

L-inbejjed tad-DOP Verdicchio di Matelica passito huma kkaratterizzati minn kulur isfar għal ambra, b'togħma distintiva etereali, intensa, li tvarja minn morra għal ħelwa, bellusija b'togħma morra karatteristika.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4,00 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	25
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

3. *Verdicchio di Matelica spumante*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

L-inbejjed tad-DOP Verdicchio di Matelica spumante għandhom kulur isfar lewn it-tiben bi ħjiel aħdar, aroma karatteristika delikata, fina u komposta, ragħwa fina u li ddum fit-tul, togħma extrabrut għal xotta, u togħma friska fina u armonjuża.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi essenzjali*

—

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Verdicchio di Matelica

13 000 kg ta' għeneb għal kull ettaru

2. Verdicchio di Matelica passito

13 000 kg ta' għeneb għal kull ettaru

3. Verdicchio di Matelica spumante

13 000 kg ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona tal-produzzjoni tal-għeneb adattat għall-produzzjoni tal-inbejjed tad-DOP Verdicchio di Matelica tinkludi parti mit-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Matelica, Esanatoglia, Gagliole, Castelraimondo, Camerino u Pioraco fil-provinċja ta' Macerata u parti mit-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Cerreto D'Esi u Fabriano fil-provinċja ta' Ancona.

7. **Varjetà ta' għeneb tal-inbid**

Verdicchio Bianco B. - Trebbiano di Soave B.

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Verdicchio di Matelica

Il-fatturi umani fil-produzzjoni tal-inbejjed DOP Verdichio di Matelica kellhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tat-tekniki tal-kultivazzjoni u tal-produzzjoni tal-inbid tal-Verdicchio. Il-produzzjoni u l-konsum tal-inbejjed frizzanti u "passiti" tul is-sekli huma ddokumentati u miżmuma bi tradizzjoni fiż-żona. L-interazzjoni tal-fatturi umani mal-fatturi naturali uniċi taż-żona tal-produzzjoni, bħall-klima u n-natura tal-ħamrija, tagħti lill-inbejjed DOP Verdicchio di Matelica karatteristiċi analitiċi, aromatiċi u organolettiċi, li huma uniċi u mingħajr paragun, u li huma attribwibbli speċifikament għall-varjetà nattiva użata bħala l-kombinazzjoni predominanti tal-varjetajiet tal-għeneb.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Indikazzjoni tas-sena tal-produzzjoni tal-għeneb

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' kundizzjoni addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Fit-tikkettar tal-inbejjed DOP Verdicchio di Matelica, bl-eċċezzjoni tal-inbejjed frizzanti mhux ittikkettati bħala millesimati, jeżisti l-obbligu li s-sena tal-qtugħ tal-għeneb tiġi indikata.

Imballaġġ u kontenituri

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' kundizzjoni addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Għall-inbejjed Verdicchio di Matelica mingħajr ebda speċifikazzjoni addizzjonali, jistgħu jintużaw ukoll kontenituri alternattivi għall-ħġieġ, li jikkonsistu f'borża magħmula minn materjal tal-plastik tal-polietilen u tal-poliester b'diversi saffi magħluqa f'kaxxa tal-kartun jew ta' materjal riġidu ieħor li ma għandux ikun inqas mill-kapaċità minima stabbilita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

L-inbid Verdicchio di Matelica "passito" għandu jinħareġ għall-konsum biss fi fliexken tal-ħġieġ li jesgħu mhux aktar minn 1,50 litru.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/18198